IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 18.6.2012
COM(2012) 290 final

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità tal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2011/017 ES/Kostruzzjoni ta' Aragón minn Spanja)**

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda[1] jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibbiltà, bil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun lil hinn mill-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet mill-FEG huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni[2].

Fit-28 ta' Diċembru 2011, Spanja ressqet l-applikazzjoni EGF/2011/017 ES/Kostruzzjoni ta' Aragón għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara li diversi persuni ngħataw is-sensja fi 377 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 41 tan-NACE Reviżjoni 2 ("Kostruzzjoni ta' binjiet")[3] fir-reġjun NUTS II ta' Aragón (ES24) fi Spanja.

Wara analiżi fil-fond ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament huma ssodisfati.

### SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI

| **Dejta ewlenija:** | |
|---|---|
| Nru ta' Referenza tal-FEG | FEG/2011/017 |
| Stat Membru | Spanja |
| L-Artikolu 2 | (b) |
| Intrapriżi kkonċernati | 377 |
| Reġjun NUTS II | Aragón (ES24) |
| Diviżjoni NACE Reviżjoni 2 | 41 ("Kostruzzjoni ta' binjiet") |
| Perjodu ta' referenza | 31.1.2011 – 31.10.2011 |
| Data ta' bidu għas-servizzi personalizzati | 28.12.2011 |
| Data tal-applikazzjoni | 28.12.2011 |

1 ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
2 ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.
3 Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

| | |
|---|---|
| Sensji matul il-perjodu ta' referenza | 836 |
| Ħaddiema li ngħataw is-sensja li mistennija jipparteċipaw fil-miżuri | 320 |
| Nefqa għas-servizzi personalizzati (EUR) | 1 971 530 |
| Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG[4] (EUR) | 28 470 |
| Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG (%) | 1,42 |
| Baġit totali (EUR) | 2 000 000 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG (65 %) (EUR) | 1 300 000 |

1. L-applikazzjoni tressqet quddiem il-Kummissjoni fit-28 ta' Diċembru 2011 u kienet issupplimentata b'tagħrif addizzjonali sat-23 ta' Marzu 2012.

2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għat-tħaddim tal-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u tressqet fil-limitu ta' żmien ta' 10 ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

**<u>Ir-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali maġġuri fl-andamenti tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali</u>**

3. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, Spanja saħqet li s-settur tal-kostruzzjoni ntlaqgħat severament mill-kriżi. Is-self lis-settur tal-kostruzzjoni u lil individwi tnaqqas drastikament u d-domanda għal djar ġodda naqset minħabba tnaqqis fil-fiduċja tal-konsumatur u n-nuqqas ta' flus kontanti.

4. Fil-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku tagħha, il-Kummissjoni kienet għarfet li bħala riżultat tal-kriżi, l-industrija tal-kostruzzjoni fl-UE rat tisbita fid-domanda. Id-dejta disponibbli tikkonferma t-tnaqqis sinifikanti fir-ritmu ekonomiku fis-settur tal-kostruzzjoni, li naqas fis-27 pajjiż tal-UE għal tmien kwarti konsekuttivi (Q1/2009 sa Q4/2010) meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena preċedenti, l-aktar minħabba t-tnaqqis fl-investiment privat fis-settur residenzjali.

5. Fl-2009, il-produttività tal-kostruzzjoni fi Spanja segwiet l-istess xejra negattiva bħall-medja tal-UE-27. Madankollu, fl-2010 u fl-ewwel kwart tal-2011, it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fis-settur tal-kostruzzjoni Spanjol kompla twiegħer.

| | 2009 | | | | 2010 | | | | 2011 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Q1 | Q2 | Q3 | Q4 | Q1 | Q2 | Q3 | Q4 | Q1 | Q2 | Q3 | Q4 |
| UE 27 | -12,8 | -11,3 | -12,0 | -8,7 | -8,6 | -0,9 | -1,8 | -2,5 | 1,1 | -2,8 | 1,5 | 1,5 |

4 F'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ES | -10,9 | -11,6 | -17,8 | -4,2 | -12,9 | -7,0 | -34,9 | -27,5 | -36,6 | -27,9 | 5,6 | -3,5 |

*Sors: l-EUROSTAT*

6. Indikaturi oħra, bħall-għadd ta' permessi tal-bini jew l-għadd ta' binjiet mibdija, jagħtu aktar xhieda tat-tnaqqis fid-domanda għall-bini (djar) fi Spanja. L-għadd ta' permessi tal-bini mogħtija fi Spanja naqas b'75,6 % fl-2009 u bi 82,8 % fl-2010 b'paragun mal-2007, li kienet l-aħħar sena ta' qabel il-kriżi. L-għadd ta' binjiet mibdija naqas bi 52,2 % fl-2009 b'paragun mal-2008 u b'76,7 % b'paragun mal-2007.




7. L-argumenti ppreżentati fil-każijiet preċedenti[5] dwar is-settur tal-kostruzzjoni tal-binjiet u li fihom is-sensji kienu riżultat dirett tal-kriżi jibqgħu validi.

**Turija tal-għadd ta' sensji u konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(b)**

8. Spanja ressqet din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervenzjoni tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li jitlob li jkun hemm mill-anqas 500 sensja fuq perjodu ta' disa' xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess Diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2 f'reġjun wieħed jew tnejn kontigwi fil-livell tan-NUTS II fi Stat Membru.

9. L-applikazzjoni tindika 836 sensja fi 377 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 41 tan-NACE Reviżjoni 2 ("Kostruzzjoni ta' binjiet") fir-reġjun NUTS II ta' Aragón (ES24) matul il-perjodu ta' referenza ta' disa' xhur mill-31 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Ottubru 2011. Fost dawn is-sensji, 767 ġew ikkalkolati skont it-tieni inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Skont it-tielet inċiż tal-istess paragrafu ġew ikkalkolati 69 sensja oħra. Il-Kummissjoni rċeviet il-konferma meħtieġa skont it-tielet inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2(2) li dan huwa l-għadd attwali ta' sensji effettwati.

**Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji**

[5] EGF/2009/017 LT/Kostruzzjoni ta' binjiet : SEC(2010) 021
EGF/2010/019 IE/Kostruzzjoni 41 : COM(2011) 617.
EGF/2011/002 IT/Kostruzzjoni Trentino-Alto Adige/Südtirol: COM(2011) 480.
EGF/2011/006 ES/Kostruzzjoni Comunidad Valenciana: COM(2012) 053.

10. L-awtoritajiet Spanjoli jisħqu li l-kriżi finanzjarja u ekonomika wasslet għall-kollass f’daqqa waħda tal-ekonomija dinjija b’impatt enormi fuq ħafna setturi. In-natura tar-riċessjoni safejn tikkonċerna lis-settur tal-kostruzzjoni, flimkien mal-issikkar f'daqqa tal-kundizzjonijiet tal-aċċess għal kreditu finanzjarju u t-tnaqqis drammatiku fl-ordnijiet il-ġodda kienet waħda mingħajr preċedent fi żminijiet riċenti. Minħabba l-kriżi, l-iżviluppi ekonomiċi mill-2008 'l hawn ma segwewx ix-xejriet tas-snin preċedenti. Is-sensji fl-industrija tal-kostruzzjoni ma setgħux, għalhekk, jiġu previsti jew evitati b'mod faċli.

**Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema li se jingħataw l-għajnuna**

11. L-applikazzjoni għandha x’taqsam ma' 836 sensja fit-377 intrapriża li ġejjin:

| Intrapriżi u għadd ta' sensji | | | |
|---|---|---|---|
| ABELLAN CALAVIA JESUS | 1 | ELCONSA OBRAS Y CONSTRUCCIONES, S.L. | 1 |
| ABIAN DURAN TOMAS | 1 | ENCOFRADOS JAVIER CALDERÓN, S.L. | 1 |
| ABILIO FRANCISCO FRANCO GALLEGO, S.L. | 1 | ENJUANES BADÍA MANUEL | 1 |
| ABSIDE TECNICOS INMOBILIARIOS, S.L. | 2 | ENTRAMADOS Y CONSTRUCCIÓN ARAGONESA, S.L. | 2 |
| ACAMPO CASELLAS, S.A. | 1 | EOMSA-6, S.L. | 4 |
| ACIEROID, S.A. | 1 | ESFOR PROYECT MANAGER, S.L. | 1 |
| ADOBE CONSTRUCCIÓN INTEGRAL, S.L. | 1 | ESGOTRES, S.L. | 1 |
| AGORASPORT, S.A. | 1 | ESPACIO CONSTRUCTIVO DUNARA, S.L. | 1 |
| AGRACONSA EMPRESA CONSTRUCTORA SA | 6 | ESTENTOR CONSTRUCCIONES Y OBRAS, S.L. | 3 |
| AGROCONSTRUCCIONES ESTARRUN, S.L. | 8 | ESTROSCA SL | 1 |
| ALBAS HUERVA, S.L. | 1 | ESTRUCTURAS ARAGON, S.A. | 3 |
| ALBERO ALEJALDRE CONSTRUCCIONES, S.L. | 1 | ESTRUCTURAS CORELLANAS DEL NORTE, S.L. | 11 |
| ALCANZA AGILIDAD, S.L. | 2 | ESTRUCTURAS CORELLANAS, S.L. | 6 |
| ALEVAL GESTIÓN, S.L. UNIPERSONAL | 1 | ESTRUCTURAS EL AGUSTÍN, S.L. | 1 |
| ALROSIL CONSTRUCCIONES, S.L. | 1 | ESTRUCTURAS HORMIGONES Y VIVIENDAS SA | 7 |
| ANTONIO JOSE AGUSTIN EDO | 1 | ESTRUCTURAS LOVER SL | 1 |
| ARAGOKEN SL | 1 | ESTUDIO PUENTE DE PIEDRA 2004, S.L. | 1 |
| ARAGON INTSER 4 SL | 1 | EUROAUGUSTA SL | 4 |
| ARAGONESA DE DERRIBOS Y OBRAS S.L. | 2 | EXCAVACIONES LOYJESA SL | 8 |
| ARAGONESA DE MONTAJES TECNICOS Y DECORATIVOS | 1 | EXPLOTACION DE ARIDOS EBRO SL | 1 |
| ARAGONESA DE OBRAS CIVILES SL | 1 | FABREGAS AÑAÑOS JOSE | 1 |
| ARAGONESA DE PROYECTOS Y OBRAS SL | 6 | FÁBRICAS, EDIFICACIÓN Y CONTRATAS, | 2 |

| Intrapriżi u għadd ta' sensji | | | |
|---|---|---|---|
| | | S.A. | |
| ARANDA MARTÍN RAFAEL | 4 | FCC CONSTRUCCIÓN, S.A. | 2 |
| ARAPROFORMA SL | 2 | FÉLIX CEBOLLA HURTADO, S.L. | 2 |
| ARASCON VÍAS Y OBRAS SA | 21 | FERBA SERVICONS SL | 1 |
| ARDIS ONVEST GROUP SLU | 1 | FERISA ZARAGOZA, S.A. | 1 |
| ARFAVIMA, S.L. | 3 | FERNANDO CASCAROSA CIVIAC Y RAFAEL PICO ESCANI | 1 |
| ARICO CONSTRUCCIONES S.L. | 1 | FIRMES Y EDIFICACIONES URBANAS, S.L. | 2 |
| ARIDOS Y EXCAVACIONES MATARRAÑA SL (AREXMA) | 1 | FORJADOS Y CUBIERTAS SA | 1 |
| ÁRIDOS Y EXCAVACIONES ZUERA, S.L. | 1 | FORJADOS Y ESTRUCTURAS HERMANOS VALERO, S.I. | 1 |
| ARIÑO LATORRE JOAQUI | 1 | FRANCISCO RUSSO CONSTRUCCIONES, S.L. | 2 |
| ARIÑO RIBERA JOAQUI | 1 | FRAYSA 2000, S.L. | 1 |
| ARRUEBO CONSTRUCCIONES, S.L. | 2 | FUENTECANAL CONSTRUCCIONES SL | 2 |
| AUJASA S.L. | 1 | GARCES ESTEBAN ENRIQU | 1 |
| AVENTÍN SAHÚN JOSÉ M | 5 | GARCÍA AZCUTIA CONSTRUCCIONES , S.L. | 1 |
| BAQUEDANO ALONSO GREG | 1 | GARNASA SA | 1 |
| BARCELO COLOMER JOSE M | 1 | GESDHYAT, S.L. | 1 |
| BELLO NAVARRO FRANCI | 2 | GEST., COORD. Y CONTR. OBRAS SL | 1 |
| BELZAN CONSTRUCCIONES SL | 1 | GESTIÓN INTEGRAL DE OBRAS DEL BAJO ARAGÓN, S.L. | 1 |
| BERNAL FANLO, S.L. | 1 | GIL PELLEJERO JOSE L | 1 |
| BIFORIS, S.L. | 1 | GIMENEZ DIUSTO NICOLA | 1 |
| BROTO & NAVARRO, S.A. | 6 | GOTICO CONSTRUCCIONES Y REHABILITACIONES SA | 21 |
| BRUESA INMOBILIARIA, S.A. | 15 | GRUPO DE INVERSIONES ARAGONESAS, S.L. | 1 |
| BURBETON S.L. | 1 | GRUPO RESTARAGON SL | 1 |
| CANAAN BUILDING, S.L. | 3 | HECTOR D. CIFUENTES Y DANIEL EZEQUIEL CIFUENTES | 1 |
| CARDOZO RAUL | 1 | HERNANDO SALANOVA, S.L. | 1 |
| CASETANIA, S.L. | 1 | HIPEBON, S.L. | 1 |
| CAUDEVILLA HERMANOS, S.L. | 2 | HNOS. SANCHEZ, COM.B. | 1 |
| CERRAMIENTOS INDUSTRIALES CODESPORT SA | 3 | HORMICONS ESTRUCTURAS DE HORMIGÓN, S.L. | 2 |
| CETINA PIQUERAS JOSE | 1 | HUGUET HERNÁNDEZ JOSÉ M | 1 |

| Intrapriżi u għadd ta' sensji | | | |
|---|---|---|---|
| CIMESTAC CONSTRUCCIONS SL | 1 | IBAÑEZ BES JOSE J | 1 |
| CLARKE MODET Y CIA, S.L. | 2 | INFRAESTRUCTURA CONSTRUCCION Y PLANEAMIENTO SL | 1 |
| COALVI SA | 4 | INGENIERÍA Y CONSTRUCCIONES MOYMAR, S.A. | 3 |
| COANFI, S.L. | 4 | INMOBILIARIA BUIL, S.A. | 1 |
| COMERCIAL, DISEÑO Y CONSTRUCCIONES CODISCO | 1 | INMOBILIARIA NUEVOPRADO SL | 1 |
| COMPAÑÍA DE FERRALLISTAS DE MADRID Y ZARAGOZA | 1 | INSTALACIONES DE TABIQUERÍA SECA SL | 5 |
| COMPAÑÍA INMOBILIARIA DE TANSACIONES Y ALQUIL | 1 | INSYE INSTALACIONES DE SEGURIDAD VIAL, S.L. | 1 |
| CONAVINSA, S.A. | 2 | INTEGRAL DE OBRAS Y SERVICIOS TERUEL, S.L. | 1 |
| CONPAVE, S.L. | 1 | INTERMEDIACIÓN INMOBILIARIA 2010, S.L. | 2 |
| CONSEMI SABIÑÁNIGO, S.L. | 1 | INVERSIONES PATRIMONIALES DUERO SL | 1 |
| CONSTRUCCIONE SY REFORMAS EXPOZARAGOZA, S.L.L. | 2 | JACA ANETO, S.L. | 3 |
| CONSTRUCCIONES ABADÍA, S.A. | 1 | JAVIER ARILLA, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES ADAN MARTIN, S.L. | 1 | JESÚS BENAVENTE, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES AGUSTIN VASILE, S.L. | 1 | JIMENEZ SANZ JESU | 1 |
| CONSTRUCCIONES ALCORAZ, S.L. | 3 | JIMESCO OBRAS Y ENCOFRADOS, S.L.L. | 2 |
| CONSTRUCCIONES ALERMA, S.L. | 1 | JLC CONSTRUCCIONES , S. COOP. | 4 |
| CONSTRUCCIONES ALPES SA | 1 | JOFRA ALCAÑIZ CONSTRUCCIONES SL | 2 |
| CONSTRUCCIONES ALTIPE, S.L.U. | 1 | JORMIMAN, S.I. | 1 |
| CONSTRUCCIONES AMADO TERRÉN S.L. | 1 | JOSÉ ANDRÉS TARANCÓN GALLEGO | 6 |
| CONSTRUCCIONES ANCO, S.I. | 1 | JOSÉ LUIS RONCAL, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES ARÉVALO ZARAGOZA, S.L. | 1 | JOSÉ LUIS VICIOSO, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES BELMONTE DE SAN JOSÉ, S.L. | 1 | KASERO Y CUENCA CONSTRUCCIONES, S.L. | 3 |
| CONSTRUCCIONES BERNAL FANLO, S.L. | 2 | LAFUENTE SANCHEZ JOSE | 1 |
| CONSTRUCCIONES BORJAN 2005 SL | 23 | LANGA GIL, S.L. | 6 |
| CONSTRUCCIONES CARLOS TORRES, S.L. | 1 | LÓPEZ VALOR, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES CARRERA BLAZQUEZ SL | 2 | LOS PALACIONES IBARRONDO, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES CARRILLO MAGALLÓN, S.L. | 1 | LOTUM SA | 1 |
| CONSTRUCCIONES CASTELFRIO, S.L. | 1 | MAESAN 98, S.L. | 2 |
| CONSTRUCCIONES CASTILLO BALDUZ, S.L. | 6 | MANAU SANCHO, SANTIAGO | 1 |

| Intrapriżi u għadd ta' sensji | | | |
|---|---|---|---|
| CONSTRUCCIONES CASTILLOS DE ISUELA SL | 4 | MANUEL MONTAÑES SILEX SL | 2 |
| CONSTRUCCIONES CAZCARRA COSTA, S.L. | 1 | MARINO LÓPEZ XXI, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES CETON SL | 2 | MARQUÉS Y SANTORROMAN CONSTRUCCIONES, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES CINCO VILLAS 94, S.L. | 1 | MAXIMO Y CARMEN INMOBILIARIA Y GESTIÓN, S.L. | 3 |
| CONSTRUCCIONES COTRO 2000, S.L. | 1 | MEL-COPIS S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES DALLOBEC, S.L. | 1 | MENDEZ MAZAS JOSE | 1 |
| CONSTRUCCIONES DOMÍNGUEZ LÓPEZ, S.L. | 1 | MERCA-1000, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES EL MOULAT, S.L. UNIPERSONAL | 1 | MIGUEL ROMANOS CONSEJO, S.L. | 2 |
| CONSTRUCCIONES ENGOHER, S.L. | 1 | MINGUEZ DE OBRAS Y SUMINISTROS, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES ENRIQUE DE LUIS, S.A. | 29 | MOLINA MATEO JOSE M | 1 |
| CONSTRUCCIONES ERNESTO Y JULIO, S.L. | 1 | MONTAJES MORGALL, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES FONZAR, S.L. | 4 | MONTAJES Y TUBERIAS ROCAR SL | 2 |
| CONSTRUCCIONES FRAMA, SOCIEDAD COOPERATIVA | 2 | MONTENEGRO GESTION Y CONSTRUCCION SL | 2 |
| CONSTRUCCIONES FUENTES DE RUBIELOS, S.L. | 2 | MONZONESA DE OBRAS SL | 1 |
| CONSTRUCCIONES GINER, S.L. | 1 | MORTERO Y ARENA, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES HERMANOS GIL, S.L. | 1 | MUCINA 2001 SLL | 1 |
| CONSTRUCCIONES HIJOS DE GARCÍA GRIMAL SL | 8 | NAVARRO ULAQUE FRAN | 1 |
| CONSTRUCCIONES HIJOS DE GARCIA MONGE SL | 3 | NAVES Y DEIFICIOS AGROINDUSTRIALES S.A. | 2 |
| CONSTRUCCIONES J.F. MORENO, S.L. | 2 | NEXTIS EDIFICA, S.A. | 1 |
| CONSTRUCCIONES J.F. MORILLO, S.L. | 1 | NORTEÑA DE CONSTRUCCIONES SA | 7 |
| CONSTRUCCIONES JAFECAR, S.L. | 1 | NOZAR, S.A. | 1 |
| CONSTRUCCIONES JALPE, S.L. | 1 | OBRAS CIVILES CODESPORT SAU | 48 |
| CONSTRUCCIONES JESUS TORNOS, S.L. | 1 | OBRAS ESPECIALES ARAGON. S.A. | 1 |
| CONSTRUCCIONES JOSE FELIX CALVO, S.L. | 1 | OBRAS TÉCNICAS OSCENSES S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES JOSÉ GONZALO ABRIL, S.L. | 1 | OBRAS Y CONSTRUCCIONES ALCOMAN, S.L.L. | 2 |
| CONSTRUCCIONES LAGEN, S.L. | 2 | OBRAS Y CONSTRUCCIONES CARBU, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES LANAU, S.A. | 2 | OBRAS Y CONSTRUCCIONES JOVEN RODRIGO S.C. | 1 |
| CONSTRUCCIONES LINZOLA S.L. | 2 | OBRAS Y EXCAVACIONES COLLADOS, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES LOBE, S.A. | 3 | OBRAS Y REFORMAS DAVID HIDALGO | 1 |

| Intrapriżi u għadd ta' sensji | | | |
|---|---|---|---|
| | | MORALES SL | |
| CONSTRUCCIONES LÓPEZ MONTORIO, S.L. | 1 | OBRAS Y SERVICIOS BOLEA, S.L. | 5 |
| CONSTRUCCIONES LUMBIERES, S.L. | 3 | OBRASCON HUARTE LAIN, S.A. | 2 |
| CONSTRUCCIONES MACIPE, S.L. | 2 | OLCINA INTEGRAL DE ESPACIOS, S.L. | 2 |
| CONSTRUCCIONES MAELLA, S.A. | 1 | OLMAR 2005 SL | 1 |
| CONSTRUCCIONES MARNI SL | 4 | ORTIZ DIESTE, S.A. | 6 |
| CONSTRUCCIONES MAYUTO, S.L. | 1 | OSMA LUNA JAIRO | 1 |
| CONSTRUCCIONES MESESAN, S.C. | 1 | PARTUIKA CONSTRUCCIONES SL | 5 |
| CONSTRUCCIONES MG PATI SL | 3 | PAVIMENTOS SERVICIOS Y OTROS SLU | 1 |
| CONSTRUCCIONES MIGALSAN, S.L. | 1 | PEREZ CALZADA FIDEL | 2 |
| CONSTRUCCIONES MIGUEL DENIA, S.L. | 1 | PEREZ GIMENEZ JULIAN | 1 |
| CONSTRUCCIONES MIGUEL SOLANAS,S.L. | 1 | PEREZ MOREN Y MOREN SL | 1 |
| CONSTRUCCIONES MIVA 2007 BAJO ARAGON, S.L.U. | 2 | PIEDRA CASBI, S.L. | 2 |
| CONSTRUCCIONES MOAMPE, S.L. | 1 | PLACIDO UBEDA LOPEZ | 1 |
| CONSTRUCCIONES NAVASCUES ZALAYA S.L. | 1 | PLECO, COM.B | 1 |
| CONSTRUCCIONES NEREA Y RUTH, S.L.U. | 1 | PROA SIGLO XXI SL | 4 |
| CONSTRUCCIONES NYLSA SA | 7 | PROCONBAR, S.L. | 4 |
| CONSTRUCCIONES OMEDES, S.I. | 1 | PRODELGEA, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES PALACÍN BALTASAR S.L. | 2 | PRODISA PIRINEOS, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES PASCUAL SOLER, S.L. | 4 | PROFEM CASTELLÓN, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES PELLICER, S.A. | 1 | PROINMO SANCHEZ SL | 3 |
| CONSTRUCCIONES PEÑALOSA GIL, S.L. | 3 | PROMOCIÓN INMOBILIARIA RUSTICA Y URBANA, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES PILERO, S.I. | 1 | PROMOCIÓN Y VENTA ZARAGOZA | 1 |
| CONSTRUCCIONES PINILLOS SL | 1 | PROMOCIONES ANA GARZARAN S.L | 3 |
| CONSTRUCCIONES RUBIO MORTE SA | 1 | PROMOCIONES ARBUCONST, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES SALVADOR F. DE SALINAS, S.A. | 1 | PROMOCIONES GARCIBI, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES SAN ROQUE LAYUNTA, S.L. | 1 | PROMOCIONES INMOBILIARIAS ANIBAL ALTO DE LA | 2 |
| CONSTRUCCIONES SANAGUSTIN PEREZ SL | 2 | PROMOCIONES KATACHE, S.L.U. | 1 |
| CONSTRUCCIONES SANTA CRUZ SA | 1 | PROMOCIONES MIBECU, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES SOLARES BAJO ARAGON, S.L. | 1 | PROMOCIONES OSNU, S.L. | 1 |

| Intrapriżi u għadd ta' sensji | | | |
|---|---|---|---|
| CONSTRUCCIONES TRASVILLA 3 S.R.L. | 1 | PROMOCIONES RURALES Y GANADERAS DE TERUEL, S.L | 2 |
| CONSTRUCCIONES TREMSGO SLU | 1 | PROMOCIONES Y CONTRATAS LAS BARDENAS SL | 1 |
| CONSTRUCCIONES URCAYO,S.A. | 2 | PROMOTORA INDUSTRIAL OSCENSE, S.A. | 2 |
| CONSTRUCCIONES URMANCHA, S.L. | 2 | PROYECTOS Y DESARROLLOS CONSTRUCTIVOS CONAVICO | 1 |
| CONSTRUCCIONES VALDEVELLANO, S.L. | 1 | RECONSTRUCCIONES Y COLOCACIONES MARFINCAL SL | 1 |
| CONSTRUCCIONES VALENCIA BAJO ARAGON, S.L. | 4 | REFE 16 CONSTRUCCIONES SL | 7 |
| CONSTRUCCIONES VALMORTERA, S.L. | 1 | REMACHA BARBERO MANU | 1 |
| CONSTRUCCIONES VICENTE PEREZ S.A. | 1 | RESCO, S.A. | 1 |
| CONSTRUCCIONES Y CONTRATAS ANADON SL | 1 | RIMER SERVICIOS ARAGON, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES Y CONTRATAS BERNARDO, S.A. | 2 | RIO VALLE CONTRUCCION Y OBRA PUBLICA SL | 2 |
| CONSTRUCCIONES Y CONTRATAS LA REBOLLOSA, S.L. | 1 | ROAN OCR 2006, S.L. | 10 |
| CONSTRUCCIONES Y EDIFICACIONES Z.H.T., S.A. | 1 | ROLDAN SANCHEZ LUIS M | 1 |
| CONSTRUCCIONES Y ENCOFRADOS FYCAB, S.L. | 1 | ROMEO TORRALBA JORGE | 1 |
| CONSTRUCCIONES Y EXCAVACIONES HNOS, MATEO MATE | 1 | ROSELLO ESPALLARGAS JOSE P | 1 |
| CONSTRUCCIONES Y EXCAVACIONES LECHA, S.L. | 1 | SANQUILEZ, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES Y OBRAS TORTAJADA, S.L. | 1 | SARIS CONSTRUCCIONES Y CONTRATAS, S.L. | 1 |
| CONSTRUCCIONES Y PROMOCIONES TOLOSA Y AMALE, S.L. | 1 | SEBASTIÁN MODREGO LUIS | 1 |
| CONSTRUCCIONES Y REFORMAS AUCRY 2005, S.L. | 1 | SEGORTE DE LUCIDOS S.L | 1 |
| CONSTRUCCIONES Y REFORMAS DE ZARAGOZA, S.L.L. | 1 | SERVICIOS Y CONTRATAS NAGARAN, S.L. | 2 |
| CONSTRUCCIONES Y REFORMAS ESPACHIN, S.L. | 3 | SERVIOBRA TERUEL, S.L. | 3 |
| CONSTRUCO 2010, S.L. | 1 | SIG-30, S.L. | 1 |
| CONSTRUCTIVO DUNARE, S.L. | 1 | SOLGAR XXI PROMOCIONES, S.L. | 1 |
| CONTAMAR INTEGRAL DE CONSTRUCCION SL | 4 | STRASHOF CORPORATION, S.L. | 2 |
| CONTRATAS ANCAR, S.L. | 1 | STUDIOS FINANCIEROS MONTANA, S.L. | 1 |
| CONTRATAS CSA, S.L. | 1 | TABIQUERÍA Y CERRAMIENTOS HIJAR, S.L. | 9 |
| CONTRATAS DEL EBRO S.L. | 2 | TÉCNICOS ESPECIALISTAS EN SOLADOS Y ALICATADOS | 1 |

| Intrapriżi u għadd ta' sensji | | | |
|---|---|---|---|
| CONTRATAS E INGENIERIA, S.A. | 1 | TEULADES, S.A. | 1 |
| CONTRATAS RÍO FLUMEN, S.L. | 6 | TOLOSA MIGUEL MIGUEL | 1 |
| CONTRATAS Y OBRAS EMPRESA CONSTRUCTORA, S.A. | 1 | TORMOLTUR, S.L. | 1 |
| CORSAN CORVIAM CONSTRUCCION SA | 1 | TORNOS CONSTRUCCIONES Y CONTRATAS, S.L. | 1 |
| CORTES SANCHEZ MANU | 1 | TRABAJOS Y SERVICIOS BRACIM, S.L. | 2 |
| COSNTRUCCIONES Y CONTRATAS BERNARDO, S.A. | 1 | TRAMAS INGENIERIA Y BOVEDAS SA | 2 |
| COVIAN INFRESTRUCTURAS, S.L. | 1 | TUROLENSE DE ENCOFRADOS Y CONSTRUCCIONES, S.L. | 1 |
| CRIROA, S.L. | 2 | URBANIZACIÓN CRISALIDA, S.L. | 4 |
| DAVID FELEZ GESTIÓN, S.L. | 1 | URBANIZACIÓN MORAVELLA, S.L. | 1 |
| DEPURA, S.L. | 1 | URVILAR, S.A. | 1 |
| DESARROLLO Y PROMOCIONES ALCARSA, S.L. | 1 | VALERIO FORJADOS Y CUBIERTAS SL | 3 |
| DESARROLLOS CONSTRUCTIVOS CONAVI | 1 | VALLENDRINO, S.L. | 1 |
| DESARROLLOS EMPRESARIALES ASTORGA SL | 1 | VANESA KM RESTAURACIÓN SL | 1 |
| DESARROLLOS EMPRESARIALES LINARES, S.L. | 1 | VIA ARASOV, S.L. | 1 |
| DIEZ RASAL CARLOS | 1 | VIACESA CONSTRUCCIONES, S.L.U. | 3 |
| DIRECCION GESTION Y PLANIFICACION DE OBRAS SL | 1 | VIAS Y CONSTRUCCIONES, S.A. | 4 |
| DOMINGO FUSTER SANTIA | 2 | VIGARCA E HIJOS, S.L. | 1 |
| DRAGADOS, S.A. | 3 | VIGUETAS CASTEL, S.A. | 4 |
| DUBARTI CONSTRUCCIONES, S.L. | 3 | VIVIENDAS RUISEÑORES, S.L. | 1 |
| EBROSA, S.A. | 1 | ZAEMA CONSTRUCCIONES Y OBRAS SL | 18 |
| EC. POLIGONAL, S.L. | 1 | ZARAGON 2002, S.L. | 2 |
| ECOIBERTECNIUM, S.L. | 1 | ZARAGOZA ALTA VELOCIDAD 2002, S.A. | 1 |
| EDIFICACIONES LAENCUENTRA SOLANO, S.L. | 1 | ZARAGOZA PLAZA CENTER CAMPUS EMPRESARIAL, S.A. | 2 |
| EDIFICACIONES Y REFORMAS CIUDAD RURAL SL | 1 | ZARAÑON SL | 1 |
| EDIZARCON 2000, S.L. | 1 | ZARURBAN GESTIÓN INMOBILIARIA, S.L. | 1 |
| EL TIRO DE MURCIA, S.L. | 1 | | |
| **Għadd totali ta' intrapriżi: 377** | | **Għadd totali ta' Sensji: 836** | |

12. Il-ħaddiema kollha li ngħataw is-sensja se jiġu offruti l-possibbiltà li jipparteċipaw fil-miżuri. Madankollu, l-awtoritajiet Spanjoli, abbażi tal-esperjenza preċedenti

tagħhom fil-ġestjoni tal-każijiet tal-FEG, jistmaw li madwar 320 ħaddiem se jagħżlu li jipparteċipaw fil-miżuri tal-FEG.

13. It-tqassim tal-ħaddiem identifikati huwa kif ġej:

| Kategorija | Numru | Perċentwal |
|---|---|---|
| Irġiel | 699 | 83,6 |
| Nisa | 137 | 16,4 |
| Ċittadini tal-UE | 650 | 77,8 |
| Ċittadini mhux tal-UE | 186 | 22,2 |
| Minn 15 sa 24 sena | 126 | 15,1 |
| Minn 25 sa 54 sena | 673 | 80,5 |
| Minn 55 sa 64 sena | 36 | 4,3 |
| Aktar minn 64 sena | 1 | 0,1 |

14. Fir-rigward ta' kategoriji ta' xogħol, it-tqassim huwa kif ġej:

| Kategorija | Numru | Perċentwal |
|---|---|---|
| Maniġers | 12 | 1,44 |
| Tekniċi u professjonisti assoċjati | 21 | 2,51 |
| Skrivani | 103 | 12,32 |
| Foremen kapijiet[6] | 47 | 5,62 |
| Foremen[7] | 25 | 2,99 |
| Sewwieqa speċjalizzati u sewwieqa ta' vetturi kbar[8] | 8 | 0,96 |
| Kapitjiet ta' timijiet[9] | 86 | 10,29 |
| Ħaddiema super speċjalizzati[10] | 317 | 37,92 |
| Assistenti ta' ħaddiema super speċjalizzati[11] | 61 | 7,30 |
| Ħaddiema speċjalizzati[12] | 95 | 11,36 |
| Okkupazzjonijiet elementari | 61 | 7,30 |

15. Fir-rigward ta' kategoriji ta' kwalifika, it-tqassim hu kif ġej:

| Kategorija | Numru | Perċentwal |
|---|---|---|
| Ħaddiema kwalifikati | 537 | 64,23 |

---

6 Ħaddiema b'mhux inqas minn tliet (3) snin ta' esperjenza fil-ġestjoni tas-siti ta' kostruzzjoni (jew seba' (7) snin bħala foreman) u għarfien tal-prevenzjoni tar-riskju fuq il-post tax-xogħol, il-kontroll tal-kwalità, ir-regolamentazzjoni dwar l-ambjent u l-maniġment tal-ħaddiema.

7 Ħaddiema b'mhux inqas minn tliet (3) snin esperjenza fis-settur bħala foreman u għarfien tal-prevenzjoni tar-riskju fuq il-post tax-xogħol u l-maniġment tal-ħaddiema.

8 Sewwieqa ta' impjanti kbar, b'mill-anqas ħames (5) snin ta' esperjenza, għarfien ta' qari ta' blueprints u ta' prevenzjoni tar-riskju fuq il-post tax-xogħol.

9 Ħaddiema b'minimu ta' tliet (3) snin ta' xogħol attwali fl-intrapriża, li huma responsabbli għas-superviżjoni tal-istaff u għandhom għarfien bażiku tal-ġestjoni tal-ħaddiema u l-prevenzjoni tar-riskju fuq il-post tax-xogħol.

10 Ħaddiema b'minimu ta' tliet (3) snin ta' esperjenza bħala ħaddiema super-speċjalizzati u bl-għarfien tal-prevenzjoni tar-riskju fuq il-post tax-xogħol.

11 Ħaddiema b'minimu ta' tliet (3) snin ta' esperjenza bħala assistenti ta' ħaddiema super-speċjalizzati u bl-għarfien tal-prevenzjoni tar-riskju fuq il-post tax-xogħol.

12 Ħaddiema li bdew bħala apprendisti u jkunu temmew it-taħriġ tagħhom f'wieħed mill-oqsma li ġejjin: l-elettriku; l-iwweldjar u l-immuntar; il-plumbing; id-drejns u d-dranaġġ; u HVAC, kif ukoll ħaddiema li jimmaniġġjaw għodda tal-idejn tal-elettriku żgħar, li jaħdmu fuq l-imwejjed tat-tqattigħ tal-kostruzzjoni jew li jsuqu dumpers.

| | | |
|---|---|---|
| Ħaddiema mhux ikkwalifikati | 147 | 17,58 |
| Dejta mhux disponibbli | 152 | 18,18 |

16. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, Spanja kkonfermat li ġiet applikata u se tkompli tiġi applikata politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll waħda ta' nondiskriminazzjoni, matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-FEG u, b'mod partikolari, fl-aċċess għall-FEG.

**Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u l-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu**

17. It-territorju kkonċernat mis-sensji huwa l-komunità awtonoma ta' Aragón. Il-biċċa l-kbira tat-territorju tar-reġjun għandu densità ta' popolazzjoni inqas mill-medja tal-UE ta' 112-il abitant għal kull $km^2$ filwaqt li 60 % tal-popolazzjoni totali tat-territorju hija kkonċentrata fil-belt ta' Zaragoza u ż-żona ta' madwarha. L-ekonomija ta' Aragón li tradizzjonalment hija bbażata fuq l-uċuh taċ-ċereali u t-trobbija tan-nagħaġ f'dawn l-aħħar żewġ jew tliet deċennji nbidlet permezz taż-żieda tas-settur industrijali, tas-servizzi u tal-kummerċ, u segwita mit-turiżmu, b'mod partikolari t-turiżmu ġġenerat mill-isport tax-xitwa. Aragón tammonta għal 3 % tal-PDG ta' Spanja.

18. Il-partijiet interessati ewlenin huma d-Departamento de Economía, Hacienda y Empleo del Gobierno de Aragón (il-Ministeru Reġjonali tal-Finanzi u l-Impjiegi) u l-Instituto Aragonés de Empleo-INAEM (is-servizzi ta' xogħol tal-gvern awtonomu ta' Aragón); it-trejdjunjins Confederación Sindical de Comisiones Obreras CC.OO Aragón u Unión General de Trabajadores-UGT Aragón; u erba' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem: Confederación de Empresarios de Aragón-CREA, u Confederación de la Pequeña y Mediana Empresa Aragonesa-CEPYME Aragón.

## L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali

19. L-awtoritajiet Spanjoli jisħqu li s-sensji fis-settur tal-bini se jiggravaw is-sitwazzjoni tal-qgħad, li diġà ddeterjorat minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja. Matul is-snin 2008 u 2009, il-qgħad żdied drammatikament f'Aragón, minn 40 000 għal 80 000 persuna qiegħda. Fis-snin segwenti il-qgħad kompla bix-xejra 'l fuq u sa tmiem l-2011 in-numru ta' ħaddiema rreġistrati fl-uffiċċji pubbliċi tax-xogħol kien qrib il-100 000. Minn dawn, 15 % kienu ħaddiema li sfaw bla xogħol fis-settur tal-kostruzzjoni.




20. Minħabba d-densità baxxa ta' popolazzjoni fil-maġġoranza tat-territorju kkonċernat b'din l-applikazzjoni (bejn tliet (3) u 54 abitant għal kull km$^2$) u r-riskju ta' depopolazzjoni, is-sensji għandhom impatt negattiv ħafna fuq dan ir-reġjun u jistgħu jipperikolaw l-isforzi li saru biex jinkoraġġixxu l-popolazzjoni biex tibqa' fit-territorju. Barra minn hekk, wara ħafna sensji oħra fir-reġjun ta' Aragón, Spanja ppreżentat l-applikazzjonijiet EGF/2008/004 ES Castilla y León & Aragón (1 082 sensja fl-industrija tal-karozzi, li 594 minnhom seħħu f'Aragón) u EGF/2010/016 ES Aragón bejgħ bl-imnut (1 154 sensja fis-settur tal-bejgħ bl-imnut) [13] għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG.

## Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li jrid jiġi ffinanzjat u analiżi tal-ispejjeż stmati tiegħu, inkluża l-komplementarjetà tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali

21. Il-miżuri kollha li ġejjin flimkien jiffurmaw pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati maħsuba biex jerġgħu jintegraw lill-ħaddiema fis-suq tax-xogħol. Huma organizzati f'erba' oqsma:

**Gwida, għoti ta' pariri u tfittix għal xogħol.**

– Sezzjoni ta' merħba, gwida dwar ix-xogħol u l-ġbir ta' profili: L-ewwel miżura pprovduta lill-parteċipanti kollha tinkludi l-ġbir ta' profili tal-ħaddiema kif ukoll

[13] Rispettivament COM (2009) 150 u COM (2010) 615.

tagħrif dwar ix-xogħlijiet disponibbli, dwar ħiliet u rekwiżiti ta' taħriġ, dwar programmi ta' taħriġ disponibbli u dwar inċentivi.

– Taħriġ dwar tekniki għal tfittix għal xogħol, impjieg indipendenti u ħiliet soċjali : Il-ħaddiema se jipparteċipaw f'sessjoni ta' ħidma ffokata fuq impjieg indipendenti u l-promozzjoni tal-intraprenditorija jew inkella se jiġu mħarrġa f'ħiliet għal tfittix ta' xogħol. Din il-miżura għandha l-għan li ttejjeb l-għarfien tal-parteċipant dwaru stess u li tirrinforza l-istima personali tiegħu.

**Taħriġ u taħriġ mill-ġdid**

– Taħriġ ġenerali u taħriġ mill-ġdid: Din il-miżura toffri diversi rotot ta' taħriġ. Il-ħaddiema se jingħataw l-opportunità li jsegwu wieħed jew aktar minn dawn il-korsijiet ta' taħriġ: (1) Teknoloġiji tal-informazzjoni u komunikazzjoni (ICT) taħriġ bażiku jew intermedjarju; (2) Taħriġ f'ħiliet vokazzjonali: F'din il-miżura l-parteċipanti se jitħarrġu f'ħiliet meħtieġa għal xogħlijiet li attwalment hemm domanda għalihom; (3) Taħriġ b'impenn ta' impjieg: dan il-kors ta' taħriġ se jitfassal biex jaqdi l-bżonnijiet identifikati ta' intrapriżi lokali, li min-naħa tagħhom se jikkommettu ruħhom biex jimpjegaw xi wħud mill-ħaddiema li jipparteċipaw f'din l-azzjoni; (4) Taħriġ fl-iżvilupp personali: Il-parteċipanti se jitħarrġu f'ħiliet transversali, inklużi l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, reżoluzzjoni ta' konflitt, adattament għall-bidla, ħiliet ta' relazzjonijiet interpersonali eċċ. – dan it-taħriġ għandu l-għan li jtejjeb l-istima personali tal-parteċipanti u l-ħiliet ta' komunikazzjoni interpersonali tagħhom jew ħiliet transversali oħrajn, sabiex jiffaċilita d-daħla tagħhom mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

– Rikonoxximent ta' esperjenza preċedenti: Dan ikopri l-evalwazzjoni tat-tagħrif li l-ħaddiem kellu minn qabel u l-esperjenza ta' kull ħaddiema b'mod individwali, u tidentifika l-oqsma li jeħtieġu aktar taħriġ. Il-parteċipanti, wara li tiġi konkluża l-proċedura dwar ir-rikonoxximent ta' esperjenza preċedenti se jirċievu attestazzjoni uffiċjali tal-ħiliet u l-konoxxenza maħruġa minn Agencia de Cualificaciones Profesionales de Aragón.

**Integrazzjoni mill-ġdid fl-impjieg**

– Għajnuna intensiva għat-tfittxija ta' impjieg: Din se tinkludi riċerka attiva tal-opportunitajiet ta' impjiegi lokali u reġjonali, esplorazzjoni ta' opportunitajiet ġodda għal impjiegi bħall-enerġija ekoloġika, il-kummerċ organiku, eċċ u t-tqabbil ta' xogħlijiet disponibbli ma' persuni li qegħdin ifittxu x-xogħol.

– Tutoring wara l-integrazzjoni mill-ġdid fix-xogħol: Dan se tipprevjeni li jkun hemm problemi possibbli fl-impjiegi il-ġodda: il-ħaddiema integrati mill-ġdid fl-impjiegi se jiġu ggwidati matul l-ewwel xhur fl-impjiegi l-ġodda tagħhom.

**L-inċentivi**

– Konċessjoni għat-tfittix ta' impjieg: Il-ħaddiema li jtemmu r-rotta miftiehma biex jiġu integrati mill-ġdid se jirċievu benefiċċju ta' EUR 300, imħallsa f'darbtejn, EUR 150 kull darba.

– Għajnuna għal min jieħu ħsieb persuni dipendenti: Ħaddiema li jieħdu ħsieb persuni dipendenti (tfal, anzjani jew persuni b'diżabilità) se jirċievu somma ta' darba ta' EUR 150 bħala kontribut għall-ispejjeż għal min jieħu ħsieb persuni dipendenti bil-kundizzjoni li jipparteċipaw fil-miżuri. Dan għandu l-għan li jkopri spejjeż addizzjonali li jkollhom ħaddiema li għandhom responsabilitajiet ta' kura sabiex ikunu disponibbli għat-taħriġ jew miżuri oħrajn.

– Inċentivi għal rikollokament: Sussidju ta' paga ta' EUR 200 fix-xahar għal massimu ta' tliet xhur se jitħallas lill-ħaddiema li jerġgħu jibdew jaħdmu. Is-sussidju huwa maħsub biex jinkoraġixxi l-integrazzjoni mill-ġdid fix-xogħol u biex jistimula l-ħaddiema, partikolarment dawk li huma aktar avvanzati fiż-żmien, biex jibqgħu fis-suq tax-xogħol.

– Inċentivi ta' rikollokament għal min jaħdem għal rasu: Se jitħallas sussidju mal-paga ta' EUR 400 fix-xahar għal massimu ta' tliet xhur lil dawk il-ħaddiema li jmorru lura għax-xogħol bħala impjegati jew ħaddiema li jaħdmu għal rashom. Is-sussidju tfassal biex jappoġġjahom matul il-perjodu tal-bidu tal-attività tagħhom bħala persuni li jaħdmu għal rashom.

22. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG, li hija inkluża fl-applikazzjoni, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri attivitajiet ta’ tħejjija u ta’ kontroll kif ukoll informazzjoni u pubbliċità.

23. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Spanjoli huma miżuri attivi għas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli definiti permezz tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Spanjoli jistmaw li l-ispejjeż totali ta’ dawn is-servizzi huma ta’ EUR 1 971 530 u li n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG hija ta' EUR 28 470 (1,42 % tal-ammont totali). Il-kontribuzzjoni totali mitluba mill-FEG hija ta’ EUR 1 300 000 (65 % tal-ispejjeż totali).

| Azzjonijiet | Għadd stmat ta' ħaddiema identifikati | Spiża stmata għal kull ħaddiem identifikat (EUR) | Spejjeż totali (l-FEG u l-kofinanzjament nazzjonali) (EUR) |
|---|---|---|---|
| **Servizzi personalizzati** (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006) | | | |
| Sezzjoni ta' merħba, gwida dwar ix-xogħol u l-ġbir ta' profili:<br>*Acogida, elaboración de los intinerarios personalizados de inserción y asesoramiento laboral.* | 320 | 1 000 | 320 000 |
| Taħriġ dwar tekniki għal tfittix għal xogħol, impjieg indipendenti u ħiliet soċjali :<br>*Formación en técnicas para la búsqueda de empleo, autoempleo y habilidades sociales.* | 320 | 620 | 198 400 |
| Taġriġ ġenerali u taħriġ mill-ġdid u rikonoxximent ta' esperjenza minn qabel.<br>*Formación para el empleo y proceso de acreditación de competencias.* | 257 | 1 990 | 511 430 |
| Għajnuna intensiva għat-tfittxija ta' impjieg<br>*Asistencia a la recolocación.* | 320 | 1 950 | 624 000 |
| Tutoring wara l-integrazzjoni mill-ġdid fix-xogħol:<br>*Seguimiento en el empleo.* | 170 | 510 | 86 700 |
| Benefiċċju għal tfittix ta' xogħol<br>*Incentivo para la búsqueda activa de empleo.* | 320 | 300 | 96 100 |
| Għajnuna għal min jieħu ħsieb persuni dipendenti:<br>*Medidas de acompañamiento.* | 100 | 150 | 15 000 |
| Inċentivi għal rikollokament.<br>*Incentivo para la recolocación laboral.* | 160 | 600 | 96 000 |
| Inċentivi ta' rikollokament għal min jaħdem għal rasu<br>*Incentivo para la actividad por cuenta própia.* | 20 | 1 200 | 24 000 |
| **Subtotal tas-servizzi personalizzati** | | | **1 971 530** |

| **Nefqa għall-implimnetazzjoni tal-FEG** (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006) | | |
|---|---|---|
| Attivitajiet ta' tħejjija | | 5 900 |
| Tagħrif u pubbliċità | | 5 600 |
| Attivitajiet ta' kontroll | | 16 970 |
| **Subtotal tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG** | | **28 470** |
| **Total tal-ispejjeż stmati** | | **2 000 000** |
| ***Kontribuzzjoni tal-FEG (65 % tal-ispejjeż totali)*** | | ***1 300 000*** |

24. Spanja tikkonferma li l-miżuri deskritti hawn fuq huma komplementarji mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali. Spanja se tistabbilixxi l-proċeduri ta' kontroll meħtieġa biex telimina r-riskju ta' finanzjament doppju u se tassigura wkoll li jkun hemm rekord ċar tal-verifiki għall-attivitajiet ta' finanzjament mill-FEG.

**Id-data/dati meta bdew jew meta huwa maħsub li jibdew is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati**

25. Spanja bdiet is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati inklużi fil-pakkett koordinat propost lill-FEG għall-kofinanzjament, fit-28 ta' Diċembru 2011. Din id-data, għalhekk, tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibilità għal kwalunkwe għajnuna li tista' tingħata mill-FEG.

**Proċeduri għall-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali**

26. L-imsieħba soċjali CREA, CEPYME Aragón, UGT u CCOO ġew ikkonsultati darbtejn: fit-30 ta' Ġunju u fil-11 ta' Novembru 2011, fil-qafas tal-Kumitat li joffri Gwida għal Intermedjazzjoni u Pjazzament tax-Xogħol tal-Ftehim Ekonomiku u Soċjali għall-Iżvilupp ta' Aragón 2008-2011. Fl-ewwel laqgħa l-imsieħba soċjali qablu fuq is-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal kofinanzjament tal-FEG. Fit-tieni laqgħa, ġie diskuss l-abbozz tal-applikazzjoni, b'mod partikolari l-pakkett ta' servizzi personalizzati li se jingħataw lill-ħaddiema.

27. L-awtoritajiet Spanjoli kkonfermaw li kien hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u dawk tal-UE dwar is-sensji kollettivi.

**Tagħrif dwar azzjonijiet li huma obbligatorji skont il-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi**

28. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Spanjoli fl-applikazzjoni tagħhom:

- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tiħux post il-miżuri li huma r-responsabilità tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi;

- urew bil-provi li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ għall-ħaddiema individwali u mhumiex se jintużaw għar-ristrutturar tal-kumpaniji jew tas-setturi;

- ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċevux assistenza minn strumenti finanzjarji oħra tal-UE.

**Sistemi ta' ġestjoni u kontroll**

29. Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita u kkontrollata mill-istess entitajiet li jiġġestixxu u jikkontrollaw l-FSE. L-Instituto Aragonés de Empleo (INAEM) se jkun l-entità intermedjarja għall-awtorità ta' ġestjoni.

**Finanzjament**

30. Fuq il-bażi tal-applikazzjoni minn Spanja, il-kontribut propost mill-FEG għall-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati (inkluża n-nefqa biex jiġi implimentat il-FEG) huwa ta' EUR 1 300 000, li jirrappreżenta 65 % tal-ispiża totali. L-allokazzjoni proposta mill-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq it-tagħrif li ngħata minn Spanja.

31. B'kunsiderazzjoni tal-ammont massimu possibbli ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll tal-kamp ta' applikazzjoni tal-allokazzjoni mill-ġdid ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont totali msemmi hawn fuq, li għandu jiġi allokat skont l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.

32. L-ammont propost ta' kontribuzzjoni finanzjarja jippermetti li aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokat għall-FEG jibqa' disponibbli biex ikun allokat matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif stipulat fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

33. Permezz tal-preżentazzjoni ta' din il-proposta sabiex timmobilizza l-FEG, il-Kummissjoni qiegħda tniedi l-proċedura ssimplifikata ta' trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex tikseb il-qbil taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jintuża l-FEG u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta għall-mobilizzazzjoni biex, f'livell politiku xieraq, tgħarraf lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, għandha tissejjaħ laqgħa formali ta' trijalogu.

34. B'mod separat, il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex fil-baġit għall-2012 iddaħħal approprjazzjonijiet speċifiċi għall-impenji, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

**Sors tal-approprjazzjonijiet għall-ħlas**

35. Se jintużaw approprjazzjonijiet mil-linja baġitarja tal-FEG biex ikopru l-ammont ta' EUR 1 300 000 meħtieġ għal din l-applikazzjoni.

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità tal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2011/017 ES/Kostruzzjoni ta' Aragón minn Spanja)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda[14], u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni[15], u b'mod partikulari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea[16],

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni u sabiex jgħinhom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(2) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 sat-30 ta' Diċembru 2011 biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li jingħataw is-sensja bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

(3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG fil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.

(4) Spanja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-FEG, fir-rigward tas-sensji fi 377 intrapriża li joperaw fit-Taqsima 41 Reviżjoni 2 tan-NACE ("Kostruzzjoni ta'

[14] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
[15] ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.
[16] ĠU C […], […], p. […].

binjiet") fir-reġjun NUTS II ta' Aragón (ES24), fit-28 ta' Diċembru 2011 u ssupplimentatha b'tagħrif addizzjonali sat-23 ta' Marzu 2012. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk ressqet proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 1 300 000.

(5) Il-FEG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa minn Spanja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 1 300 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew,*
*Il-President*

*Għall-Kunsill,*
*Il-President*